MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1313/2002

**Lombard Bank Malta plc.**

**-vs-**

**Anthony u Carmen konjugi Scerri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-20 ta’ Novembru, 2002, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi b’ erba’ kuntratti ppubblikati minn Nutar Mark Anthony Sammut, li jgibu d-dati tad-dsatax (19) ta’ Gunju, elf disa’ mija sebgha u disghin (1997), is-sebgha (7) t’ April, elf disa’ mija disgha u disghin (1999), it-tlettax (13) t’ April, tas-sena elfejn

(2000), u it-tlettax (13) ta' Frar, tas-sena elfejn u tnejn (2002), li kopji legali taghhom huma hawn annessi u mmakrkat Dok "A", Dok "B", Dok "C" u Dok "D", il-Bank attur kien ikkonceda facilitajiet ta' 'overdraft' u 'loan' lill-konvenuti bil-kondizzjonijiet u bit-termini hem imsemmija, u l-istess konvenuti kienu ggarantixxew il-hlas lura ta' l-imsemmija facilitajiet b' ipoteka generali fuq il-propjeta taghhom kollha presenti u futuri u ipoteka specjali fuq proprjeta' immobbli f' Hal-Qormi kif ahjar deskritta fl-imsemmija kuntratti;

Illi l-konvenuti jinsabu debituri in solidum tal-Bank attur fis-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija wiehed u ghoxrin Liri Maltin sitta u erbghin centezmi (Lm19,321.46) dovuti in kwantu ghal hdax-il elf mitejn disgha u sebghin Liri Maltin hamsa u tmenin centezmi (Lm11,279.85) bilanc ghad-debitu fl-'overdraft account' li ghandhom mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "E" u in kwantu ghal tmien telef wiehed u erbghin Liri Maltin wiehed u sittin centezmi (Lm8,041.61), bilanc ghad-debitu fil-'loan account' li ghandhom ma' l-istess Bank skond statement hawn anness u mmarkat Dok "F" bl-interessi kkalkolati sat-tmienja (8) t' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-disgha (9) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk il-Bank attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundannhom in solidum ihallsu lill-Bank attur fis-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija wiehed u ghoxrin Liri Maltin sitta u erbghin centezmi (Lm19,321.46) dovuti in kwantu ghal hdax-il elf mitejn disgha u sebghin Liri Maltin hamsa u tmenin centezmi (Lm11,279.85) bilanc ghad-debitu fl-'overdraft account' li ghandhom mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "E" u in kwantu ghal

tmien telef wiehed u erbghin Liri Maltin wiehed u sittin centezmi (Lm8,041.61), bilanc ghad-debitu fil-‘loan account’

li ghandhom ma' l-istess Bank skond statement hawn anness u mmarkat Dok "F" bl-interessi kkalkolati sat-tmienja (8) t' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-disgha (9) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali u dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-9 t' Awissu, 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-9 t' Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-Bank attur, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat illi c-Citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti, li naqsu li jipprezentaw in-Nota ta' Eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur;

Semghet l-Avukat tal-Bank attur;

Ezaminat l-Atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni jirrizulta pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti tiddeciedi billi:

**Tilqa' t-talba tal-Bank attur kif dedotti fic-Citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------